MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 306/2003

**Avviz numru 306/03DM**

**Carmelo Bertone**
**Vs**
**Domestica Limited**

**Il-Qorti,**
Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tas-socjeta' konvenuta, ghall-hlas tas-somma hekk likwidata in konnessjoni ma' magazinagg u zamma ta' merkanzija konsistenti fi skrivanija ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin liema merkanzija s-socjeta' attrici naqset milli tigbor ghad li giet interpellata sabiex taghmel dan.
Ai fini ta' kompetenza jigi dikjarat li s-somma ma tmurx oltre l-elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600).
Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta sabiex tixhed u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccipiet illi:

It-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-avviz in kwantu dan ma jinkludix dikjarazzjoni fis-sens li l-iskrivanija (mejda) kellha tinzamm mill-attur, fatt kontestat kif jinghad aktar l-isfel u kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza ;
2. Inoltre l-attur ghandu qabel xejn, igib prova ta' l-ispejjez allegatament maghmula ;
3. M'hi dovuta l-ebda somma ghall-magazzinagg, in kwantu l-iskrivanija (mejda) in kwistjoni giet arbitrarjament detenuta mill-istess attur minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, u minkejja d-diversi talbiet u tentattivi mill-eccipjenti biex taraha u jekk hemm bzonn tirtiraha, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza ;
4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk stess tirrizulta xi somma rappresentanti magazzinagg, din semmai ghandha tigi mnaqqsa, jew pacuta skond il-kaz, kontra l-kreditu ta' mitejn u sittin lira Maltin (Lm260) (oltre spese u imghax) favur l-eccipjenti rappresentanti l-valur ta' l-istess skrivanija, kif konfermat b'sentenza tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar datata 10/10/02, li issa ghaddiet in gudikat ;
5. *In ogni caso*, u dejjem minghajr pregudizzju, jekk l-attur verament bata xi spejjez ta' magazzinagg, dawn kien missu jafhom *ab initio*, u mhux jitlob il-likwidazzjoni taghhom ;
6. Fl-ahharnett, l-attur qatt ma nforma jew avza lis-socjeta' konvenuta li qieghed ibati spejjez ta' magazzinagg, u jekk stess kien fid-dmir li dawn l-ispejjez jillimitahom jew jevitahom, *okkorrendo* billi jiddeposita l-istess skrivanija l-Qorti, kif dejjem seta' jaghmel. Gjaladarba l-attur ghazel li jzommha hu, ma jistax issa jitlob il-hlas ta' spejjez li gab fuqu nnifsu ;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet il-provi li gew prodotti ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti ;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza ;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet ta’l-kontendenti.

Rat l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi effettivament l-iskrivanija ossija mejda in kwistjoni kienet giet ikkonsenjata mill-konvenut lill-attur sabiex huwa jaghmel xoghol ta’ lostru.

Meta tlesta dan ix-xoghol ta’ lostru, u l-attur gie mhallas tieghu, l-konvenuti kienu effettivament ittardjaw biex jiehdu lura din il-mejda ossija skrivanija llustrata.

Mid-deposizzjoni ta’ l-istess attur, infatti jirrizulta illi fis-16 ta’ Awissu,1999, huwa kien lesta x-xoghol tal-lostru u gie mhallas tieghu u ghalhekk minn dakinhar il-konvenuti setghu jigbru minn ghandu l-istess mejda u infatti huwa qed jippretendi li jithallas tal-magazinagg ta’ l-istess mejda b’effett mis-16 ta’ Awissu, 1999.

Il-konvenuti minn naha taghhom jaqblu mal-fatti kif esposti mill-attur fis-sens illi huma, nfurmati illi x-xoghol fuq l-iskrivanija kien lest, kienu talbu lill-istess attur sabiex izomm ghandu l-istess skrivanija sakemm huma jkunu lesti illi johduha biex ipogguha f’xi ‘showroom’.

Ghalhekk dawn il-fatti kollha jindikaw illi din l-iskrivanija kienet effettivament giet iddepositata ghand l-attur bil-kunsens taz-zewg nahat minghajr ftehim espress dwar meta l-konvenuti kellhom jiehdu l-konsenja ta’ l-istess skrivanija.

Ghalhekk fir-rigward huma applikabbli r-regoli tal-Kodici Civili li jirrigwardaw id-depositu fejn l-Artikolu 1891 jiddisponi illi ‘id-depozitu in generali huwa kuntratt li bih wiehed jircevi l-haga ta’ haddiehor bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha *in natura’*.

Billi fl-Artikolu 1892 tal-Kap. 16 huwa provdut *‘illi d-depozitu hekk proprjament imsejjah huwa kuntratt*

*gratuwitu bla hsara ta' kull ftehim kuntrarju*' jispetta lill-attur illi jipprova illi, dwar id-depozitu ta' din l-iskrivanija ghandu, kienet giet miftiehema xi rata ta' kumpens bejnu u l-kumpanija konvenuta.

Pero' mid-deposizzjoni ta' l-istess attur Carmelo Bertone jirrizulta konklussivament illi ebda ftehim dwar xi kumpens ma sar mal-konvenuti u illi kien accetta illi jzomm din l-iskrivanija ghandu kif jammetti huwa stess minghajr dritt ta' ebda kumpens.

Infatti fid-deposizzjoni tieghu tas-17 ta' Marzu, 2004, l-istess attur jistqarr '*jiena qatt ma ppretendejt li nithallas tal-magazinagg jew ghad-depositu ta' din l-iskrivanija li kelli f'idejja, bdejt nippretendi li nithallas ta' dan il-magazinagg ghaliex ficcewni ghaliha… Qabel bdew il-kawzi qatt ma ppretendejt kumpens, jiena nippretendi li nithallas tal-magazinagg ghaliex anke waqt li dawn hallew l-iskrivanija jiena ha nirrispondi jekk ikun hemm xi hsara jew xi grif'.*

Ghalhekk ma tezisti ebda bazi legali li fuqha l-attur jista' jserrah it-talba tieghu, infatti l-provi jindikaw illi effettivament l-attur ma ghandu l-ebda dritt ghal xi kumpens talli zamm f'idejh l-iskrivanija tal-konvenuti.

Infatti l-istess attur kien car hafna fl-ispjegazzjoni tal-motivi tieghu ghaliex beda jippretendi kumpens talli zamm ghandu l-iskrivanija in kwistjoni.

Hu ddikjara illi kien qed jippretendi illi jithallas kumpens ghaliex l-atturi kienu hallew l-iskrivanija ghandu ghal xi sena, u huwa ppretenda li b'din l-iskadenza gie ntitolat illi jassumi li l-iskrivanija saret tieghu u li hi fi kwalunkwe kaz, stante l-obbligi tieghu bhala depozitarju, huwa jippretendi illi ghandu jithallas kumpens senjatament ghaliex kien qed jassumi riskju li l-iskrivanija tigi danneggjata waqt li kienet fil-pussess tieghu.

Izda dawn l-assunzjonijiet ta' l-attur m'ghandhom l-ebda fondament legali u jidher illi bdew jiguh dawn l-ideat meta effettivament huwa kien, qabel l-gheluq ta' sena mis-16 ta'

Awissu, 2000, irrifjuta effettivament li jikkonsenja l-iskrivanija lill-konvenuti kif jirrizulta mill-korrispondenza skambjata bejn Lulju, 2000, u April, 2001.

Minn din l-istess korrispondenza anzi jidher illi l-kwistjoni principali ta' bejn il-kontendenti ma kienetx principalment jekk il-konvenuti ghandhomx ihallsu tal-magazinagg jew le, izda kienet kwistjoni dwar jekk l-attur ghandux effettivament ihallas tal-hsarat illi kienet soffriet din l-iskrivanija waqt li kienet fil-pussess tieghu, u kien biss in risposta ghall-ittra tal-konvenuti tat-13 ta' Lulju, 2000, illi l-attur gietu l-idea li jikkompensa d-danni li kkawza billi jitlob hlas ta' magazinagg.

Ghal dawn il-mottivi ssib illi ma jirrizulta ebda ftehim bejn il-kontendenti illi d-depositu ta' l-iskrivanija f'idejn l-attur kien oneruz u ghaldaqstant tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------